MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1456/2002

**Emanuel Bugeja, iben George**

**vs**

**1. Mary Rose Bugeja**
**2. Kummissarju tal-Pulizija**
**3. Avukat Generali tar-Repubblika**
**4. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi l-attur Emanuel Bugeja nhar it-Tlieta, ghaxra ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (10.12.2002), tressaq akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema kawza giet imbaghad

differita ghal l-ghada, l-Erbgha, hdax ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (11.12.2002) f'nofsinhar quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, LL.D.

2. Illi tali kawza nstemghet u giet differita ghas-sentenza, *in difetto ostacolo* ghal nhar il-Gimgha, ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (20.12.2002), fid-disgha ta' fil-ghodu (9:00 a.m.) dejjem quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima u fejn anke sar rikors opportun biex ikun hemm is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sakemm ikun deciz l-ezitu tal-mertu ta' din il-kawza odjerna.

3. Illi l-attur Emanuel Bugeja gie akkuzat permezz ta' kwerela quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, illi *"F'Hal-Qormi u cjoe' dawn il-gzejjer nqast li thallas il-manteniment dovut lil martek Mary Rose Bugeja kemm ghalija u ghal bintha minuri Jennifer Bugeja ghax-xahar ta' Settembru 2002 meta hekk miftiehem ai termini ta' artikolu tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Mejju 2002 in atti Nutar Dr. Richard Vella Laurenti LL.D."* skond kif jirrizulta mill-anness dokument "MRB1".

4. Illi fl-udjenza ta' nhar l-Erbgha, hdax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (11.12.2002), quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet saret korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti fejn indikat illi l-kuntratt ta' separazzjoni effettivament kien sehh mhux fit-tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (23.05.2002), imma fit-tlieta u ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elfejn (23.05.2000), u gie kkonfermat li l-artikolu li jirrelata in konnessjoni ma' retta alimentari kien tabilhaq artikolu 3 fejn gie kjarifikat illi wahda mill-ulied minuri Karen *stante* li llum saret maggorenni ma kienetx baqghet tikkwalifika li tircievi r-retta alimentari da parti ta' missierha l-attur odjern, fid-dawl tal-kontenut tal-kuntratt citat li kopja tieghu tigi esebita quddiem din il-Qorti fl-ewwel dehra li tigi appuntata.

Illi gie sollevat bhala eccezzjoni in linea preliminari illi din l-akkuza kienet saret a bazi ta' **artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, li

kien gie fis-sehh fl-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena kurrenti wara emendi li saru fil-Kodici Kriminali permezz ta' legizlazzjoni li ghaddiet mill-Parlament fis-sena elfejn u tnejn (2002).

Illi gie eccepiet illi tali **artikolu 338 (z)** kif emendat fis-sena kurrenti ma kienx applikabbli ghal-kuntratt ta' separazzjoni li kien sehh bejn l-attur u l-konvenuta Mary Rose Bugeja *proprio* u ghan-nom tat-tifla minuri ta' (15) hmistax-il sena Jennifer Bugeja peress li l-kuntratt kien sar fit-tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn (23.05.2000), u ebda ligi kriminali ma tista' tigi applikata retro-attivament kif apparentament qed isir fil-kaz odjern.

Illi l-akkuza kriminali kontra l-attur Emanuel Bugeja hija ndikata fl-elenku tad-dokumenti bhala dokument “MRB1” kontra l-attur hija ghalhekk nulla, ineffettiva u mhux enforzabbli a bazi tar-raguni illi r-reat kontravenzjonali li qed jigi abbinat ma’ tali akkuza ma jistax ikun applikabbli fil-kaz kontra l-attur minhabba li dan infired legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn (23.05.2000), meta r-reat kontravenzjonali li qed jigi akkuzat bih l-attur gie fis-sehh fil-Ligijiet ta' Malta nhar l-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), u kwindi huwa stabbilit fil-Ligi Kriminali li ma jistax ikun hemm applikazzjoni retro-attiva ta' dan ir-reat kontra l-attur kif akkuzat minhabba li meta huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni bonarja, f’dawk iz-zminijiet dan ir-reat kontravenzjonali ma kienx ezistenti, u kwindi ma jistax isir ezistenti issa fir-rigward tal-kuntratt citat, minhabba li l-kuntratt citat gie ffirmat aktar minn sentejn qabel ma gie fis-sehh skond il-ligijiet ta' Malta r-reat kontravenzjonali a bazi ta' **artikolu 338 (z).**

Illi ghalhekk hemm htiega li dina l-Onorabbli Qorti taghti nterpretazzjoni cara f’dan il-kuntest lil **artikolu 38 (z) talKodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** fir-rigward tal-applikabbilta' tieghu f'kuntratti ta' separazzjoni bonarji li kienu saru qabel ma gie *in vigore* dan ir-reat kontravenzjonali fl-ewwel ta' Gunju, tas-sena

elfejn u tnejn (01.06.2002), bhal per ezempju fil-kaz in ezami meta l-attur Emanuel Bugeja u martu Mary Rose Bugeja kienu nfirdu bonarjarment nhar it-tlieta u ghoxrin ta` Mejju, tas-sena elfejn (23.05.2000) permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Richard Vella Laurenti.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi taqta' u tiddeciedi:-

1. Illi l-**artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** kif emendat u allura minn mindu gie fis-sehh fl-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), m'huwiex applikabbli ghal kuntratti ta' separazzjoni legali konsenswali li sehhew qabel l-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002);

2. Il-kuntratt ta' firda legali bejn l-attur Emanuel Bugeja u l-konvenuta Mary Rose Bugeja, li sar nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elfejn (23.05.2000) in atti Nutar Dr. Richard Vella Laurenti, u partikolarment Artikolu 3 ta' dak il-kuntratt, ma jaqax fil-parametri tal-**artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali** kif gie emendat u fis-sehh effettivament mill-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), minhabba l-principju sagru fil-Ligi Kriminali li jirrigwarda rretroattivita' t'akkuza jew reat;

3. L-akkuza kontra l-attur Emanuel Bugeja kif tirrizulta mill-anness dokument "MRB1" hija fic-cirkostanzi nulla, invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli minhabba l-fatt li r-reat kontravenzjonali li bih qed jigi akkuzat l-attur odjern ma jista' qatt ikun applikabbli ghall-kaz ta' l-attur gjaladarba dan issepara bonarjarment fit-tlieta u ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elfejn (23.05.2000) meta r-reat kontravenzjonali in kwistjoni ma kienx ezistenti fil-ligijiet ta' Malta;

4. **L-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa applikabbli biss ghal dawk il-kuntratti ta' separazzjoni bonarja li saru wara l-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), u mhux ghal kuntratti ta' separazzjoni bonarji li sehhew qabel l-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), u dana

minhabba l-principju ta' retroattivita' f’materja t'akkuzi kriminali;

5. Fl-eventwalita' tal-kontumacja ta' xi hadd mill-konvenuti, ghandhom jigu mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-kontumaci jekk ikun il-kaz biex bl-ebda mod ma jtellef decizjoni fuq il-mertu tat-talbiet attrici f'din l-kawza li qed issir b'urgenza;

6. L-attur fic-cirkostanzi m'ghandux ibaghti ebda forma ta' spejjez minhabba l-izball tal-awtoritajiet kompetenti li jakkuzaw persuna meta ma kienx hemm fondatezza legali li a bazi taghha l-attur seta' jitressaq b'din l-akkuza kriminali kontra tieghu;

7. Ghandhom jinghataw il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi, inkluz komunikazzjonijiet ufficjali li l-awtoritajiet kompetenti fuq dan il-kaz, u dan a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti.

8. Bl-ispejjez kollha, extra gudizzjarji u gudizzjarji, kontra l-konvenuta Bugeja Mary Rose (li kienet hi li ressqet il-kaz permezz ta' kwerela), jew kontra l-konvenuti l-ohra jekk ikun il-kaz, li l-erba' (4) konvenuti kollha flimkien jigu minn issa ngunti in subizzjoni.

B'riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur ghad-danni kkagunati mill-evidenza li tirrizulta fil-mori ta' din il-kawza odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 6 sa 9 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 10 u 11 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur Emanuel Bugeja tal-20 ta’ Dicembru 2002 fejn talab li din il-kawza tinstema’ bl-urgenza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 24 ta’ Dicembru 2002 fejn cahdet it-talba u ordnat lill-attur sabiex jirregola ruhu dwar in-numru ta’ talbiet attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-11 ta’ Marzu 2003 a fol. 23 u 24 fejn gie eccepit:-

(1) Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni ta' l-attur hija nulla fil-konfront ta' l-eccipjenti *ai termini* ta' l-**artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif mehtieg mil-ligi.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju c-citazzjoni hija inammissibbli *ratione materiae* in kwantu l-attur qed jitlob li Qorti ta' gurisdizzjoni civili tintrometti ruhha biex tuzurpa funzjoni ta' nterpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt penali liema nterpretazzjoni tista' ssir biss, taht l-ordinament guridiku Malti, minn Qorti b'gurisdizzjoni kriminali. Illi kemm il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali taghha kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali huma unikament kompetenti biex jinvestu l-lanzjanzi ta' l-attur. Illi l-istess **Kodici Kriminali** jipprovdi fl-**artikolu 6** li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra.

(3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju c-citazzjoni hija inammissibbli *ratione materiae* wkoll in kwantu l-azzjoni kif diretta lejn l-eccipjenti m'ghandhiex bazi guridika li tirradika d-dritt ta' azzjoni mill-attur kontrihom. Dan billi l-azzjoni la hi wahda ta' stharrig gudizzjarju (**l-artikolu 469A tal-Kap 12**), u lanqas tiskaturixxi *ex contractu* jew *ex delicti* izda hija tentattiv biex Qorti civili tigi mistiedna tinterpreta dispozizzjonijiet penali.

(4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet kollha ta' l-attur m'ghandhomx l-icken fondament guridiku a lanqas fattwali tant li anke mill-istess eccezzjonijiet kif fuq eccepiti jirrizulta lampanti li l-azzjoni

ta' l-attur hija abbuz tal-process gudizzjarju. Illi l-attur tressaq quddiem Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali biex jirrispondi ghal ksur ta' ligi penali a mhux biex jigi punit ghan-nuqqas ta' hlas ta' dejn civili. Illi huwa fl-interess ta' socjeta' demokratika li tipprovdi sanzjoni effettiva penali li tippunixxi lil min huwa obbligat bil-ligi li jipprovdi manteniment lid-dipendenti tieghu meta jonqos li jonera l-obbligu tieghu.  Fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti mhumiex legittimi kontraditturi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-13 ta’ Marzu 2003 a fol. 27 u 28 fejn gie eccepit:-

1. Illi in linea preliminari n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti u dana peress illi t-talbiet kif intavolati fic-citazzjoni l-ismijiet hawn fuq premessi ghandhom jigu kkunsidrati limitatament mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali biss.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kamp kriminali, u cjoe' s-sede fejn qed jigi processat penalment l-attur, peress li qatt ma hallas manteniment ghal eccipjenti u lanqas ghal uliedu, qed kull darba ma' kull akkuza tigi trattata l-kwistjoni ta' l-agir tal-attur wara li gew fis-sehh l-emendi fil-parametri tal-**artikolu 338(z) tal-Kap 9 tat-Ligijiet ta' Malta** minn wara li gew fis-sehh l-emendi in kwistjoni.  Illi l-pern kollu huwa li mhux il-kuntratt ma' jinkwadrax fl-emenda in kwistjoni ghaliex gie abbozzat qabel l-emendi, izda l-fatt li l-agir tal-attur illum wara l-emendi in kwistjoni jikkostitwixxi reat kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jara meta l-attur ma hallasx il-manteniment u mhux meta gie kkonkjuz il--kuntratt tas-separazzjoni. Illi ghalhekk l-akkuzi kriminali u s-sentenzi moghtija huma regolarissimi u t-talba tat-attur hija bir-rispett kollu frivola u vessatorja *stante* li qed issir bl-iskop li l-attur ikompli jahrab mill-obbligi tieghu.

3. Illi minghajr pregudizzju l-ksur tat-ligi kriminali li qed jaghmel l-attur qed ikun kommess mhux meta gie ffirmat il-kuntratt, izda meta f'kull skadenza ma jhallasx il-manteniment lill-eccipjenti u wliedu. Kemm-il darba dan in-nuqqas ta' hlas javvera ruhu wara l-introduzzjoni tal-emendi in kwistjoni, allura jkun qed jigi kommess reat kriminali.

4. Illi t-talbiet li qed jaghmel l-attur fil-kawza odjerna gja' gew michuda mill-Qrati kompetenti li ghandhom is-setgha jisimghu kawzi b'mertu tat-tip kif hawn dedott fic-citazzjoni odjerna.

5. Illi l-attur ghandu jindika, l-oggett tal-prova li jixtieq li jressaq mix-xhieda ndikati u senjatament mix-xhieda imsemmija l-President Peter Cox u Romano Prodi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Mary Rose Bugeja a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati tal-25 ta' Marzu 2003 a fol. 30A fejn gie eccepit:-

1. In-nullita' tal-procedura kontra l-esponenti peress li ma kienetx preceduta b'intimazzjoni ufficjali skond il-ligi;

2. In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tghaddi gudikat fuq Qorti Kriminali. Fi kwalunkwe kaz Qorti ma tintalabx biex tinterpreta imma biex taghti rimedju u jekk qed jintalab rimedju f'din il-kawza dan ma jkollux effett fuq il-proceduri kriminali msemmija mill-attur;

3. L-illegittimita' ta' l-esponenti bhala kontradittur f'din il-kawza peress li l-funzjoni tieghu hija li jaghmel dak li tordnalu l-Qorti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-gudizzju u ghandu jkun illiberat mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandux ibaghti spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tal-konvenut Direttur Generali u Registratur tal-Qrati a fol. 31 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Emanuel Bugeja datata 28 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha huwa in adempiment mad-digriet tal-Qorti moghti fl-24 ta’ Dicembru 2002, huwa qed jirregola t-tmien talbiet tieghu kif sejjer isegwi:-

1. Illi l-**artikolu 338 (z) tal-Kodici Civili, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** kif emendat u allura minn mindu gie fis-sehh fl-ewwel ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), m'huwiex applikabbli ghal kuntratti ta' separazzjoni legali konsenswali li sehhew qabel l-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002);

2. Il-kuntratt ta' firda legali bejn l-attur Emanuel Bugeja u l-konvenuta Mary Rose Bugeja, li sar nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn (23.05.2000) in atti Nutar Dr. Richard Vella Laurenti (ara a fol. 5 u 6 tac-citazzjoni), u partikolarment artikolu 3 ta' dan il-kuntratt, ma jaqax fil-parametri tal-**artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali** kif gie emendat u fis-sehh effettivament mill-ewwel ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (01.06.2002), minhabba l-principju sagru fil-Ligi Kriminali li jirrigwarda r-retroattivita' t'akkuza jew reat;

3. Ghandhom jinghataw il-provedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi, inkluz komunikazzjonijiet ufficjali lill-awtoritajiet kompetenti fuq dan il-kaz, u dan a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti.

4. Bl-ispejjez kollha, extra gudizzjarji u gudizzjarji, kontra l-konvenuta Bugeja Mary Rose jew kontra l-konvenuti l-ohra jekk ikun il-kaz, li l-erba' (4) konvenuti kollha flimkien jigu minn issa ngunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur ghad-danni kkagunati mill-evidenza li tirrizulta fil-mori ta' din il-kawza odjerna.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 t'April 2003 fejn id-difensuri qablu li l-eccezzjonijiet f'din il-kawza huma punti legali u m'hemmx provi aktar dwarhom hlief li Dr. Emy Bezzina ghandu jesebixxi nota, u kopja legali ta' kuntratt ta' separazzjoni u l-atti tal-okkorrenza; u tal-14 ta' Mejju 2003 fejn fuq talba ta' Dr. Emy Bezzina l-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghaxart ijiem biex l-attur jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom ghoxrin (20) gurnata sabiex jirrispondu. Dr. Bezzina esebixxa kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni u l-kawza giet differita ghall-lum 26 ta' Gunju 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur fil-kawza odjerna qed isostni li qabel l-emenda li saret fil-**Kodici Kriminali bl-Att Numru III tal-2002 l-artikolu 338 (z) tal-Kap 9** kien jaqra hekk:-

*"Huwa hati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min:-*

*(z) "Meta hekk ordnat minn xi qorti jonqos li jaghti lil martu jew tonqos li taghti lil zewgha, is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha jew ghalih, u jew' ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni, ikollha tithallas dik is-somma".*

Illi bis-sahha tal-**artikolu 73 tal-Att III tal-2002,** l-istess **artikolu 338 (z) tal-Kap 9 i**llum jaqra hekk:-

*(z) "Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil martu jew tonqos li taghti lil zewgha, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghalih u, jew, ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma".*

Illi l-attur qed isostni li tali artikolu hekk emendat ma huwiex applikabbli ghall-kuntratti ta' separazzjoni, jew aktar precizament ghal stipulazzjoni dwar manteniment li kienu saru f'tali kuntratti ta' firda konsenswali, li saru qabel id-data tal-1 ta' Gunju 2002, (data meta l-istess artikolu kif emendat gie *in vigore) stante* li altrimenti jigi miksur il-principju kardinali fil-kamp tal-ligi kriminali li l-ligijiet penali ma ghandhomx ikunu retro-attivi.

Illi fl-ewwel lok u preliminarjament din il-Qorti ser tiehu l-ewwel konjizzjoni tal-eccezzjoni preliminari mqajma mill-konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali tar-Repubblika, u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja rispettivament fejn eccepew li l-azzjoni attrici hija nulla fil-konfront taghhom *stante* li ma gietx preceduta b'ittra ufficjali *ai termini* tal-**artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dan il-punt jirreferi ghal dak li jiddisponi l-**artikolu 460 tal-Kap 12,** u jigifieri li ebda azzjoni mehuda kontra l-Gvern jew awtorita' ma tista' tinbeda jew tissokta jekk kemm-il darba ma jkunu ghaddew minn tal-anqas ghaxart ijiem minn mindu l-Gvern jew awtorita' jkunu gew notifikati b'att gudizzjarju li jinterpellahom jaghmlu (jew ma jaghmlux) dak li l-attur iressaq bhala pretensjoni fl-azzjoni tieghu. Din ir-regola ma tapplikax fil-proceduri msemmija b'mod tassattiv fis-sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu 460;

Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f'kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta' ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern. Ghalkemm iddahhal fis-sistema procedurali Malti bl-**Att VII tal-1981**, rega' gie mibdul xi ftit bil-bidliet li sehhew bl-**Att XXIV tal-1995**, izda mhux b'mod radikali;

Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita' tal-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu. Din in-nullita' tqieset bhala wahda assoluta u li tista' titqajjem

mill-Qorti *ex ufficio* (**"Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et"** (P.A. (FGC) 7 ta' Mejju 1999).

Illi fis-sentenza **"Dr. Harry Vassallo vs Onorevoli Prim'Ministru et nomine"** (P.A. (S.K.) (JRM) – 9 ta' Ottubru 2001) inghad illi:-

*"Illi, minbarra dan, ir-rikorrent jishaq li dan il-privilegg jista' jigi invokat biss mill-Gvern, u l-ebda parti ohra fil-kawza ma tista' ssemmih hi jew issejhu favuriha. (**"I. Calleja et vs G. Spiteri" –** P.A. 25 ta' Jannar 1991 – Vol. LXXV.iii.666).*

*"Illi l-Qorti taghraf li kien hemm zmien meta l-fehma tal-Qrati kienet sahansitra li att gudizzjarju mressaq bhala bidu ta' kawza kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien precedut minn ittra ufficjali jew protest kif jinghad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inezistenti ghax ir-Registratur ma jmissux imqar jilqaghhom meta jitressqu quddiemu. Minbarra dan, inghad li proprju minhabba l-kliem uzat fl-artikolu in kwistjoni, in-nullita' li jgib in-nuqqas ta' harsien tal-procedura li ghandha ssir qabel ma jingieb 'il quddiem l-att tac-citazzjoni hija wahda assoluta li mhix sanabbli tal-procediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imharrek imma wkoll, jekk ikun il-kaz, fil-konfront tal-imharrkin l-ohrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistghux minn jeddhom jinvokaw dak il-privilegg f'isimhom".*

Illi din il-Qorti, thoss li tali privilegg huwa biss disponibbli lill- Gvern u lill-Awtoritajiet hemm indikati, u certament huwa fic-cirkostanzi applikabbli ghall-konvenuti kollha li ressqu din l-eccezzjoni, u ladarba l-istess citazzjoni fil-konfront tal-istess ma gietx preceduta b'ittra ufficjali jew protest kif tassativament sancit fl-**artikolu 460** fuq indikat, u ladarba l-azzjoni attrici ma hijiex wahda minn dawk elenkati fl-**artikolu 460 (2)** mela allura l-konsegwenza tal-istess hija li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-istess konvenuti eccipjenti hija nulla u bla effett, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni taghhom qed tigi milqugha.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti *stante* li l-istess konvenuta qed

tecceppixxi li dak miltub fic-citazzjoni attrici huma ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali u mhux tal-Qorti Civili.

Illi in effetti dak li qed jintalab fic-citazzjoni attrici huwa sabiex din il-Qorti taghmel interpretazzjoni tal-**artikolu 338 (z) tal-Kap 9** b'mod li jigi ddikjarat li l-istess artikolu, kif emendat fil-2002 japplika biss ghall-kuntratti ta' separazzjoni li saru wara d-data tal-1 ta' Gunju 2002, id-data meta gie in effett l-istess artikolu kif emendat sabiex jinkludi stipulazzjonijiet dwar manteniment f'kuntratti ta' separazzjoni tal-Qorti u mhux biss ordnijiet tal-Qorti kompetenti, Prim' Awla tal-Qorti jew Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-gurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili hija delineata fl-**artikolu 32 tal-Kap 12** li jipprovdi li hija ghandha s-setgha li taqta' kawzi ta' natura civili u kummercjali, (hlief ghall-kawza ta' kompetenza nferjuri skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 47 tal-Kap 12)** jew kawzi ohra li l-ligi tghid espressament li hija ghandha tiehu konjizzjoni taghhom, u mic-citazzjoni attrici jidher car li dan ma huwiex il-kaz, *stante* li qed jintalab hija nterpretazzjoni ta' artikolu tal-**Kodici Kriminali,** li ma tispettax lil din il-Qorti, u dan ukoll ghaliex skond l-**artikolu 3 tal-Kap 9** hija l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali, skond il-kompetenzi taghha li ghandha gurisdizzjoni tal-istess azzjonijiet, u kwindi necessarjament tal-interpretazzjoni tal-istess dispozizzjonijiet legali, li huma ta' natura strettament kriminali.

Illi dan kollu huwa msahhah b'dak li jipprovdi l-**artikolu 2 tal-Kap 12** fejn jinghad li *"….. lill-qrati tal-gustizzja ta' gurisdizzjoni Civili biss hija moghtija l-awtorita' gudizzjarja fil-hwejjeg civili ta' kompetenza tat-tribunali ta' Malta",* u l-Qrati Civili huma ndikati fl-**artikolu 3 u 4 tal-istess Kap 12** u dan apparti dak li jipprovdi l-**artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi ma' dan irid jizdied il-principju li l-azzjoni attrici hija ghal kollox indipendenti mill-azzjoni kriminali u dan kif dispost fl-**artikolu 3 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.**

Illi ladarba dan huwa l-kaz, mela allura ma hemm l-ebda dubju li l-interpretazzjoni tal-**artikolu 338 (z) tal-Kap 9** tispetta biss lill-Qorti ta' kompetenza kriminali u certament mhux din il-Qorti ta' kompetenza civili; jidher car li *inoltre* din ma hijiex azzjoni abbazi tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, u allura din il-Qorti qed tagixxi fil-kompetenza normali civili taghha, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi dwar normi u regoli ta' indoli kriminali, *stante* li dawn ma humiex fil-kompetenza taghha.

Illi ghall-grazzja tal-argument jizdied jinghad li ghalkemm l-attur qed jallega li tali artikolu kif emendat imur kontra l-principju ta' nuqqas ta' retroattivita' ta' normi penali fil-kamp tal-ligi kriminali, dan lanqas *prima facie* ma jirrizulta *stante* li l-attur qed jigi akkuazat abbazi tal-istess **artikolu 338 (z)** ghall-atti jew nuqqas tieghu li allegatament sehh wara li l-istess artikolu gie *in vigore*, tant li l-akkuza quddiem il-Qorti kompetenti kriminali tirreferi ghall-allegat nuqqas ta' l-attur li jhallas manteniment fix-xahar ta' Settembru 2002, u ghalhekk wara d-data tal-1 ta' Gunju 2002 meta l-istess artikolu kif emendat gie fis-sehh, u ghalhekk anke taht dan l-aspett jidher li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq premessi konfuzi u kontradittorji.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-azzjoni attrici qed tigi michuda.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-Avukat Generali, l-Kummissarju tal-Pulizija, u tad-Direttur Generali u r-Registratur tal-Qrati, u tiddikjara li c-citazzjoni attrici fil-konfront tal-istess konvenuti eccipjenti hija nulla u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 460 tal-Kap 12,** tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Mary Rose Bugeja u tiddikjara li din il-Qorti kif kostwita ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Kriminali** pendenzi ta' indoli

kriminali, inkluz dawk indikati fl-**artikolu 338 (z) tal-Kap 9 kif emendat bl-Att III tal-2002,** u ghalhekk u f'dan is-sens **tichad it-talbiet attrici** kif dedotti proprju minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fuq l-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------